**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Jannar, 2024**

**Talba Nru: 268/2020MD**

**Av. Charlene Gauci bħalha mandatarja ta' SETEM (378 051 932 R.C.S. Antibes)**

**Vs**

**BLYE Co. Ltd (C 53546)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fl-10 ta' Novembru, 2020[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li s-soċjeta' konvenuta tiġi ddikjarata u kkundannata debitriċi tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' erba' mija, tmiena u sittin Ewro u disa' ċenteżimi (€468.09), fejn s-somma ta' tlett mija, erbgħin Ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżimu (€340.44) jirrappreżentaw tlett (3) muturi li kienu kkonsenjati mkissrin mis-soċjeta' konvenuta u liema muturi qatt ma ġew rimpjazzati u s-somma ta' mija, sebgħa u għoxrin Ewro u ħamsa u sittin ċenteżimu (€127.65) jirrapreżentaw ordni oħra li qatt ma ġiet kkonsenjata mis-soċjeta' konvenuta; bl-ispejjeż.

Ra r-risposta tas-soċjeta' konvenuta pprezentata fit-23 ta' Diċembru, 2020[2] fejn eċċepiet is-segwenti:

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-proċess.
[2] *A fol* 20 *et seq* tal-proċess.

1. Illi in linea preliminari u mingħajr preġudizzju, permezz ta' Avviż promotur l-attriċi noe talbet lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara lis-soċjeta' intimata "bħala debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' erba' mija, tmienja u sittin Ewro u disgħa ċenteżimi (€468.09) u kif ukoll "tikkundanna lis-soċjeta' intimata bħala debitriċi tas-soċjeta rikorrenti fis-somma ta' erba' mija, tmienja u sittin Ewro u disgħa ċenteżimi (€468.09)" u naqset milli tagħmel talba appożita għal kundanna jew ordni ta' ħlas tas-somma reklamata *dato ma non concesso* li dan it-Tribunal jakkolji t-talba *in toto* jew in parte dikjaratorja tal-attriċi noe, u għalhekk l-Avviż promotur kif redatt huwa rritwali u monk u null.

2. Illi, preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-azzjoni tal-attriċi noe fir-rigward tal-ewwel kuntratt ta' kompravendita tal-erbgħatax ta' Jannar elfejn u għoxrin [Referenza numru 104B.50100/4Q *4137,1300*] hija ġuridikament improponibbli stante li r-rimedju tar-refużjoni tal-prezz tal-bejgħ kif mitlub fl-Avviż promotur ma huwiex wieħed mir-rimedji akkordati lix-xerrej fejn minn dak rivenut fil-Kodiċi Ċivili nostrana huma essenzjalment dawk ir-rimedji dettati mill-Artikoli 1390 u 1427. Is-soċjeta' eċċepjenti qatt ma aċċettat ir-rifjut da parti tal-attriċi nomine tal-oġġetti mibjugħa u suppliti lilha u lanqas ma ntlaħaq xi ftehim ta' rimpjazzament tal-prodotti allegatament difettużi.

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, fir-rigward tat-tieni kuntratt ta' kompravendita tat-tlettax ta' Marzu tas-sena elfejn u għoxrin [Referenza Numru 105B.4045/2Q*4137,0803*] l-azzjoni attriċi noe hija wkoll ġuridikament monka stante l-attriċi nomine allegat nuqqas ta' kunsinna tal-oġġett tal-bejgħ da parti tas-soċjeta' intimata u fl-istess waqt naqset milli titlob permezz ta' talba appożita xi wieħed mir-rimedji alternattivi komtemplati fl-Artikolu 1385 tal-Kodiċi Ċivili.

4. Illi, mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet attriċi nomine huma msejsa fuq żewġt kuntratti ta' kompravendita' ben separati u distinti minn xulxin, kif altrimenti huwa rikonoxxut mill-attriċi nomine fl-Avviż tat-Talba. Tali kuntratti huma perfetti, validi u veljanti bejn il-partijiet. Għalhekk, u stante wkoll li ma saritx talba għar-riżoluzzjoni tal-imsemmija kuntratti ta' kompravendita', ġuridikament m'għandhiex jedd ta' azzjoni għar-rifużjoni ta' prezz wieħed globali kif qed tippretendi l-attriċi nomine.

5. Illi, fil-mertu, il-pretensjonijiet tal-attriċi nomine kif dedotti fl-Avviż tat-Talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża odjerna.

6. Illi għaldaqstant it-talbiet tal-attriċi noe għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

Bir-riżerva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra d-dokumenti li ġew esebieti in atti.

Ra x-xhieda prodotta mill-partijiet.

Ra s-sottomissjonijiet li għamlu l-partijiet.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti fil-Qosor**

Fl-14 ta' Jannar tas-sena 2020, is-soċjeta' attriċi ordnat tlett muturi tat-*trademark* Euro Motor Italia mingħand is-soċjeta' konvenuta. Is-soċjeta' konvenuta bagħtet lis-soċjeta' attriċi fattura datata 31 ta' Jannar, 2020, liema fattura ġiet immedjatament imħallsa fit-3 ta' Frar, 2020 fis-somma ta' €340.44. Meta s-soċjeta' attriċi rċiviet dawn it-tlett muturi nhar l-20 ta' Frar, 2020, fetħet il-konsenja fil-preżenza tas-sewwieq li wassal l-istess muturi sabiex taċċerta ruħha mill-kundizzjoni tal-istess fejn sabet li l-muturi kienu kompletament imkissrin. B'riżultat ta' hekk irrifjutat il-kunsinna u s-sewwieq telaq bil-konsenja li kienet tinkludi dawn il-muturi imkissrin. Is-soċjeta' attriċi innotifikat lis-soċjeta' konvenuta' dwar l-istat li fih hija rċiviet dawn it-tlett muturi u talbet lis-soċjeta' konvenuta sabiex tipprovdiha b'muturi ġodda f'kundizzjoni tajba. Sal-ġurnata tal-lum, is-soċjeta' konvenuta baqgħet m'għamlitx dan. Fit-13 ta' Marzu tas-sena 2020, is-soċjeta' attriċi għamlet ordni separata mas-soċjeta' konvenuta u fil-25 ta' Marzu, 2020, ħallset s-somma ta' €127.65, iżda din l-ordni baqgħet ma ntbagħtitx. Għaldaqstant, is-soċjeta' attriċi titlob li s-soċjeta' konvenuta tiġi ddijkarata u kkundannata bħala debitriċi tas-soċjeta' konvenuta fis-somma ta' €468.09.

Is-soċjeta' konvenuta in linea preliminari eċċepiet li s-soċjeta' attriċi naqqset milli tagħmel talba appożita għal-kundanna jew ordni ta' ħlas, u li l-azzjoni fir-rigward tal-ewwel kuntratt datat 14 ta' Jannar, 2020 hija ġuridikament improponibbli stante li r-rimedju tal-prezz tal-bejgħ kif mitlub ma huwiex wieħed mir-rimedji akkordati lix-xerrej skont l-Artikoli 1390 u 1427 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tat-tieni kuntratt tal-kompravedita datat 13 ta' Marzu, 2020, eċċepiet li l-azzjoni attriċi hija wkoll waħda monka stante li s-soċjeta konvenuta allegat nuqqas ta' kunsinna tal-oġġett da parti soċjeta' konvenuta u fl-istess waqt naqset milli titlob permezz ta' talba appożita xi wieħed mir-rimedji alternattivi kontemplati fl-Artikolu 1385 tal-Kodiċi Ċivili. Eċċepiet wkoll illi t-talbiet attriċi huma msejsa fuq żewġ kuntratti ta' kompravendita' ben separatu u distinti minn xulxin, u għalhekk, ġuridikament m'għandhiex jedd ta' azzjoni għar-rifużjoni ta' prezz wieħed kif qed jiġi pretiż. Illi fil-mertu, il-pretensjonijiet tas-soċjeta' attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

**Provi prodotti**

Ra l-affidavit ta' **Christian Mathe**[3] fil-kariga tiegħu ta' Manager tas-soċjeta' SETEM li għandha l-indirizz reġistrat ġewwa 885, Chemin Saint-Bernard, 06225 Vallauris cedex, France. Spjega li SETEM hija kumpanija li tissupplixxi muturi elettroniċi, liema bażi amministrattiva tinsab f'Cannes, Franza. Wieħed mis-servizzi li tagħti l-kumpanija, fuq rikjesta, hija li tissupplixxi il-

[3] *A fol* 44 *et seq* tal-proċess maħluf nhar is-16 ta' Diċembru, 2021 (vide *a fol* 102 *et seq* tal-proċess).

klijenti tagħha b'muturi mingħand il-manifattur Euro Motor Italia, li normalment iġibu mingħand BLYE Co. Ltd. Dan għaliex sfortunatament, ma jistgħux jixtru dawn il-muturi direttament mingħand Euro Motor Italia minħabba r-restrizzjonijiet kwantitattivi imposti mill-fabbrika Taljana, u bħala riżultat, normalment ikollhom jakkwistaw l-*istocks* tagħhom ta' dawn il-muturi mingħand bejjiegħa oħra.

Kompla jispjega li fl-14 ta' Jannar 2020, SETEM għamlet ordni ma' BLYE Co. Ltd (C 53546), irreġistrata fi Triq tal- Balal, San Gwann, SGN 9018, f'Malta, għal tlett (3) muturi tal-manifattur Euro Motor Italia, referenza tal-prodott 104B.50100/4Q (mehmuż bħala Dok A).[4] Is-soċjeta' konvenuta pprovdiet lil SETEM bil-fattura *pro-forma* numru 20SGN00665 datata 31 ta' Jannar, 2020 (Dok B).[5] Fit-3 ta' Frar 2020, il-fattura msemmija tħallset kollha kemm hi, bit-total jammonta għal tlett mija u erbgħin ewro u erbgħin ċenteżmu (€340.40) (kopja tal-prova tal-ħlas mmarkata bħala Dok C).[6] Fl-20 ta' Frar 2020, it-tlett muturi ġew ikkonsenjati lis-SETEM. Mal-konsenja, il-pakketti nfetħu minn rappreżentanti tas-SETEM quddiem it-trasportatur, u, wara spezzjoni, kien ovvju li l-merkanzija kienet kompletament bil-ħsara u imkissra. SETEM irrifjutat li taċċetta dawn il-muturi bil-ħsara u t-trasportatur telaq bl-imsemmija muturi (kopja tar-rifjut tal-kunsinna mmarkata bħala Dok D).[7] Il-kumpanija infurmat immedjatament lil BLYE Co. Ltd, permezz ta' *e-mail* datata 20 ta' Frar 2020, fis-14:13hrs, u bagħtet lill-Ing. Rebekah Cilia, bil-fatt li l-muturi kienu ġew ikkonsenjati imkissrin, u talbet lil din tal-aħħar sabiex tipprovdi lill-kumpanija b'muturi ġodda f'kundizzjoni tajba, skont l-ordni oriġinali (kopja tal-korrispondenza mmarkata bħala Dok E).[8] Madankollu, is-soċjeta' konvenuta qatt ma wieġbet lis-soċjeta' attriċi dwar din l-*e-mail*, jew biex tinnotifikaha li muturi ġodda kienu sejrin jintbagħtu jew biex ikellmuhom dwar kwalunkwe soluzzjoni oħra jew rimedju biex tinstab soluzzjoni. Spjega li sal-lum, l-ordni qatt ma ġiet ikkonsenjata.

Kompla jispjega li fit-12 ta' Marzu, 2020, waqt li s-soċjeta' attriċi kienet qed tistenna li l-ewwel ordni terġa' tintbagħat mis-soċjeta' konvenuta, din id-darba f'kundizzjoni tajba, saret it-tieni ordni separata ta' muturi, b'referenza tal-prodott 105B.4045/2Q ma' BLYE Co. Ltd. Fit-13 ta' Marzu 2020, din l-ordni ġiet ikkonfermata wara li ġew ikkonfermati wkoll il-prezzijiet tal-mutur u l-konsenja mill-Ing. Rebekah Cilia (l-ordni u l-korrispondenza ma' BLYE Co. Ltd mmarkat bħala Dok F).[9] Fil-25 ta' Marzu, 2020, SETEM ħallset is-somma ta' mija, sebgħa u għoxrin ewro u ħamsa u sittin ċenteżimu (€127.65) għal dawn il-muturi (prova tal-ħlas immarkata bħala Dok G).[10] Madankollu, ikkonferma li din l-ordni ma ġietx ikkonsenjata, minkejja li BLYE Co. Ltd kienet tħallset bil-quddiem għaliha, minkejja bosta talbiet u tfakkiriet li ntbagħtulha.

Spjega li l-klijent tagħhom ma setax jistenna aktar dawn il-muturi u ħassar l-ordnijiet kollha li kien għamel mal-kumpanija. Il-kanċellament tal-ordnijiet kkawża telf li jammonta għal elf u ħames mitt ewro (€1,500). Spjega li minħabba f'hekk ifisser li l-klijent mhux ser jibqa' juża s-servizzi tas-soċjeta' attriċi u lanqas jagħmel xi negozju mal-istess soċjeta', li għalhekk iwassal għal telf addizzjonali ta' madwar tlett'elef ewro (€3,000) ta' dħul li normalment jista' jkollha mingħand dan il-klijent. Kompla jispjega li konsegwentement, minbarra s-somma totali ta'

[4] *A fol* 52 tal-proċess.
[5] *A fol* 53 *et seq* tal-proċess.
[6] *A fol* 54 tal-proċess.
[7] *A fol* 55 tal-proċess.
[8] *A fol* 56 tal-proċess.
[9] *A fol* 57 *et seq* tal-proċess.
[10] *A fol* 59 tal-proċess.

erba' mija u tmienja u sittin ewro u disa' ċenteżmi (€468.09) li ħallset lil BLYE Co Ltd għall-muturi ordnati mingħandhom, BLYE Co Ltd għandha tirrimborżaha wkoll il-ħsara kkawżata għar-reputazzjoni tal-kumpanija u għat-telf tad-dħul li jammontaw għal erbat elef, ħames mitt ewro (€4,500).

Fil-kontro-eżami[11] spjega li huwa jieħu ħsieb l-attivita' kummerċjali tas-soċjeta' u għandu r-rappreżentazzjoni legali tal-kumpanija. Spjega li hu ma kienx preżenti meta il-muturi waslu għand il-kumpanija, iżda persuna li kienet tieħu ħsieb qaltlu dak li ġara. Ma kienx jaf jekk il-muturi kienux ippakkjatui f'pakket wieħed jew tlett pakketti separati. Qal li l-*e-mail* intbagħtet minn persuna li tkun fir-*reception*, siegħa wara li ma ntbagħtet il-konsenja lura max-xufier li wassal il-prodotti għandhom, wara li nfetħu l-kaxxi u rawhom imkissrin. Ma tħallsux miżati biex l-affarijiet jerġgħu jittieħdu lejn Malta.

Kompla jispjega li l-proċedura li tuża l-kumpanija hija li l-kaxxi jinfetħu quddiem ir-*receptionist* u jara kif hinuma l-affarijiet u jinformah. Meta l-affarijiet ikunu imkissrin il-kumpanija tibgħathom lura mill-ewwel max-xufier.

Sema lil **Stephanie Agius**[12] li kkonfermat li t-traduzzjoni minn *fol* 37 sa *fol* 45 u minn *fol* 104 sa *fol* 120 mill-lingwa Franċiża għal-lingwa Ingliża saret mill-kumpanija tagħhom.

Sema lil **Raymond Mallia**[13] li spjega li huwa sid is-soċjeta' konvenuta flimkien mat-tfal tiegħu iżda jmexxi l-kumpanija huwa. Spjega li is-soċjeta' konvenuta hija waħda mill-akbar *wholesalers* fl-Ewropa u meta jkun hemm ordni żgħira l-fabbrika ma tagħmilx *run* għal tlett biċċiet u allura jibgħatuhom għand nies bħalhom, wisq probabbli għaliex ikunu jafu li huma jkunu flessibbli. Spjega li din il-ħaġa tiġri l-ħin kollu, ma ħafna kumpaniji kbar li l-kumpnaija tagħhom tixtri mingħandhom. Fil-każ odjern huwa rreferha għal *double shaft motor* u ppreżenta xi ritratti li huma tal-istess mudell li nbiegħu lis-soċjeta' attriċi.[14] Spjega li fil-każ odjern is-soċjeta' attriċi kkuntatjat lil Euro Motors ġewwa l-Italja li għaddewha mal-kumpanija tagħhom biex tikkwotalhom prezz għal tlett muturi. Is-soċjeta' konvenuta kkwotat il-prezz, is-soċjeta' attriċi aċċettat il-prezz u talbuha biex tgħinhom sabiex il-muturi jintbgħatu Franza. Ippreżenta żewġ fatturi[15] u spjega li l-aħħar fattura tinkludi t-tlett muturi u t-trasport.

Spjega li fuq l-ewwel ordni s-soċjeta' attriċi allegat li l-muturi waslu imkissrin. Spjega li ilu jbiegħ dawn il-muturi għal-ħamsa u tletin sena u qatt ma kellhom ilment li kien hemm xi wieħed imkisser. Is-soċjeta' attriċi qalet li kienu imkissrin u bagħtuhom lura. Spjega li jekk wieħed għandu ilment, irid jgħid x'hinu l-ilment u jgħaddi l-informazzjoni. Hu ma jkunx jaf li l-prodott ikun *damaged*, u min kissirhom, jekk kienx it-*transporter*. Spjega li bħala kumpanija jkollhom ilmenti, l-iktar fuq affarijiet elettroniċi u meta jgħidulu li l-prodott ma ħadimx hu jsaqsi eżempju x'vultaġġ jew kurrent tawh. F'dan il-każ spjega li ma kienux qalulu jekk xegħluhomx il-muturi. L-unika kommunikazzjoni li ntbgħatet kienet li kienu imkissrin, u talbu

[11] *A fol* 147 *et seq* tal-proċess, kontro-eżami datat 13 ta' Ottubru, 2022.
[12] *A fol* 122 *et seq* tal-proċess.
[13] *A fol* 124 *et seq* tal-proċess.
[14] *A fol* 128 *et seq* tal-proċess.
[15] *A fol* 131 tal-proċess.

li jintbgħatu tlett muturi oħra minflokhom u min-naħa tagħhom ma jafux xi ġralhom, kif u min għamel il-ħsara.[16]

Kompla jispjega li s-soċjeta' konvenuta qalet lis-soċjeta' attriċi li l-ewwel iridu awtorizzazzjoni biex jintbgħatu l-affarijiet lura, ħaġa li ssir minn kumpaniji barranin, u jimlew formola fejn jiġu deskritti l-ħsarat. Il-formola ma hijiex dik li tintuża mis-soċjeta konvenuta għaliex għandha wisq prodotti sabiex issir waħda għal kull prodott. Min-naħa tagħha s-soċjeta' tibgħat *e-mail* sabiex issir spjegazzjoni tal-ħsara, jibgħatu r-ritratti, jgħidulha l-punti tekniċi u jagħmel lista. Lis-soċjeta' attriċi qatt ma qalulha biex tibgħat il-prodotti lura u għalhekk ma setax jikkonstata jekk d-difett kienx tal-fabbrika għax kieku seta jgħidlu biex jibgħathom mill-ewwel l-fabbrika tal-Italja peress li s-soċjeta' konvenuta tiġi *middle line*. Jekk ma kienx ħsara tat-trasport imma tal-fabbrika ikun hemm il-garanzija u tintuża iżda il-muturi għadhom ma waslux għand is-soċjeta'.

Spjega li fir-rigward tat-tieni ordni, is-soċjeta' konvenuta bagħtet *e-mail*[17] iżda ma laħqitx ħarġet il-fattura u s-soċjeta' attriċi qabdet u bagħtet il-flus fuq it-tieni ordni. Din l-ordni ma ntbagħtitx għaliex *nel frattemp* intbagħtet korrispondenza mingħand l-avukat u għalkemm is-soċjeta' ma kellha l-ebda problema li tibgħat il-flus jew muturi tat-tieni ordni, il-kumpanija ġiet mitluba li tibgħat il-flus kemm tal-ewwel kif ukoll tat-tieni ordni. Spjega li ma hemmx kontestazzjoni li jintbagħtu l-flus tat-tieni ordni iżda mhux tal-ewwel waħda.

Fil-kontro-eżami[18] spjega li r-ritratti ppreżentati kienu ta' mutur bħal ma ntbagħat lil SETEM. Fir-rigward tal-ippakkjar spjega huwa l-istess tal-fabbrika. Kompla jispjega li jekk ikollok tlieta flok ħamsa ġo kaxxa trid tagħmel xi ħaġa biex ma jiċċaqlaqx l-prodott. Fir-rigward tal-posta qal li jintbagħtu skont x'jitlob il-klijent, iżda tkun is-soċjeta' konvenuta li tikkuntattja lil tal-posta. F'dan il-każ ma kienx huwa li ppakja l-muturi. Spjega li ftehim partikolari qabel ma jintbagħat il-prodott ma kienx hemm iżda hu jaħdem ma kulħadd illi jekk ser jiġi ritornat xi ħaġa iridu l-awtorizzazzjoni u jgħidu x'għandu l-oġġett. Spjega li l-formola li ppreżenta, ma hijiex tiegħu, u li hu jibgħat waħda simili lil klijenti li jinfurmawh li jkollhom il-problemi, sabiex jispjegaw x'hini. Jagħmilha biex ikollu sodisfazzjoni għall-fabbrika tiegħu. Jekk id-difett ikun mill-fabbrika huwa jdur fuq il-fabbrika għal garanzija. Jekk id-difett ikun sar mit-trasportatur hu jdur fuqu u jiftaħlu kawża. Ikkonferma li sa dak inhar il-muturi għadhom ma waslux lura għandhom. Hu qatt ma kkuntattja jew iċċekja ma tal-posta biex jaraw fejn huma l-muturi u dan għaliex hu qatt ma ordna posta lura.

Fir-rigward tat-tieni ordni ikkonferma li staqsew lil kumpanija attriċi jekk riedux il-muturi jew il-flus lura u sa dak inhar baqgħu qatt ma rċivew risposta. M'għandux problema li jirrifondi l-flus.

Spjega li fuq l-fattura hemm imniżżel li "*complaints are not accepted unless done within 48 hours of receipt of items*", kif ukoll fuq it-termini tal-pagamenti.

Sema lil **Mireille Mallia**[19] fejn spjegat li fil-bidu tal-kawża odjerna hija ma kienetx involuta, u daħlet fil-kwistjoni lejn l-aħħar wara li telqet Rebecca li kienet tiegħu ħsieb. L-unika

[16] *A fol* 135 tal-proċess.
[17] *A fol* 132 tal-proċess.
[18] *A fol* 164 *et seq* tal-process, kontro-eżami datat 24 ta' Novembru, 2022.
[19] *A fol* 140 *et seq* tal-proċess, xhieda datata 12 ta' April, 2022.

involviment tagħha kien li kienet kelmet lill-avukat tas-soċjeta' attriċi u kienet qatilha li kien hemm il-problemi fuq il-muturi u li s-soċjeta' kienet qalet li kienu imkissra. Hi ma kienetx taf x'kien ġara u li setgħet tikkonferma kien li fir-rigward tal-ewwel ordni, min-naħa tas-soċjeta' konvenuta kienu ħarġu ppakjati u tajbin. Fir-rigward tat-tieni ordni offriet li jew tibgħat il-prodotti jew inkellha jerġgħu jgħaddu l-flus lura lis-soċjeta' attriċi. Hija ma tafx fejn qegħdin il-muturi li ntbagħtu lura, mertu tal-ewwel ordni.

Fil-kontro-eżami[20] spjegat li l-prodotti jiġu ppakjati l-ħanut pero' hija parti minn xogħlha huwa li tieħu ħsieb il-ħanut. Hija kienet preżenti u kienet qed tarahom, l-muturi kienu tal-ħadid u kull ma għamlu poġġewhom ġo kaxxa. Ma ppakjathomx fiżikament hija iżda rathom jippakjawhom. Spjegat li dawn kienu oġġetti tal-ħadid, ipoġġuhom ġo kaxxi, jagħmluhom f'ġenb biex ma jiċċaqalqux fuq xulxin, u hija limitata l-ħsara li tista tiġri f'xi ħaġa hekk. L-ippakkjar ikun kaxxa tal-kartun u fuq ġewwa ipoġġu kartun ieħor taħtu u jpoġġu l-mutur, u bejniethom ipoġġu aktar karti biex ma jiċċaqilqux minn fuq xulxin. Ikunu jafu li l-mutur ikun fi stat tajjeb għaliex minn barra ħadid. Qabel jippakkjawhom jiġu ċċekjati. Dawn ittieħdu il-posta mill-uffiċċju.

**Konsiderazzjonijiet**

Din il-kawza hija dwar żewg ordnijiet rispettivi li saru mis-soċjeta' attriċi fejn is-soċjeta' attriċi tikkontendi li l-ewwel ordni kienet difettuża u għalhekk intbagħtet lura lis-soċjeta' konvenuta fejn tal-aħħar qatt ma bagħtu rimpjazzament jew rifużjoni tal-flus. Fir-rigward tat-tieni ordni is-soċjeta' attriċi tikkontendi li għalkemm sar il-ħlas tal-prodott, la ntbagħat il-prodott u lanqas ġie rifuż l-ammont imħallas. Min-naħa tas-soċjeta' konvenuta in linea preliminari eċċepiet li s-soċjeta' attriċi naqset milli tagħmel talba appożita għal-kundanna jew ordni ta' ħlas, u li l-azzjoni fir-rigward tal-ewwel kuntratt datat 14 ta' Jannar, 2020 hija ġuridikament improponibbli stante li r-rimedju tal-prezz tal-bejgħ kif mitlub ma huwiex wieħed mir-rimedji akkordati lix-xerrej skont l-Artikoli 1390 u 1427 tal-Kodiċi Ċivili. Is-soċjeta' konvenuta tikkontendi wkoll li fir-rigward tat-tieni kuntratt tal-kompravedita datat 13 ta' Marzu, 2020, l-azzjoni attriċi hija wkoll waħda monka stante li s-soċjeta konvenuta allegat nuqqas ta' kunsinna tal-oġġett da parti soċjeta' konvenuta u fl-istess waqt naqset milli titlob permezz ta' talba appożita xi wieħed mir-rimedji alternattivi kontemplati fl-Artikolu 1385 tal-Kodiċi Ċivili. Tikkontendi wkoll li t-talbiet attriċi huma msejsa fuq żewġ kuntratti ta' kompravendita' distinti minn xulxin u għalhekk ġuridikament m'għandhiex jedd ta' azzjoni għar-rifużjoni ta' prezz wieħed kif qed jiġi pretiż. Kompliet tikkontendi li fil-mertu, il-pretensjonijiet tas-soċjeta' attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

In linea preliminari s-soċjeta' konvenuta eċċepiet żewġ eċċezzjonijiet preliminari u għalhekk it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jiddeċiedi l-ewwel l-eċċezzjonijiet preliminari segwieti mill-eċċezzjoni rimanenti.

[20] *A fol* 158 et seq tal-proċess, kontro-eżami datat 24 ta' Novembru, 2022.

L-ewwel eċċezzjoni preliminari imressqa hija li **l-Avviż promotur kif redatt huwa rritwali u monk u null u dan għaliex is-soċjeta' attriċi naqset milli tagħmel talba appożita għal kundanna jew ordni ta' ħlas tas-somma reklamata**.

L-Artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

> *(1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata –*
>
> *(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;*
>
> *(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;*
>
> *(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;*
>
> *(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:*
>
> *Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi.*
>
> *(2) L-eċċezzjoni ta' nullità ta' att, taħt is-subartikolu (1)(ċ), ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħat tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullità.*

Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Angelo u Anna konjuġi Fenech vs Pawlu u Rita konjuġi Grech,**[21] il-Prim'Awla Qorti Ċivili rriteniet is-segwenti:

> *Illi l-każijiet li fihom l-eċċezzjoni tan-nullita' ta' atti ġudizzjarji jistgħu jingħataw huma dawk imsemmija fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *Illi l-erba' (4) ċirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa' taħt il-parametri ta' xi waħda mill-imsemmija ċirkostanzi;*
>
> *Illi, minbarra dan, bis-saħħa tal-bidliet li saru fil-liġi bl-Att XXIV tal-1995, l-eċċezzjoni ma tirnexxix lanqas (fejn mhix imsejsa fuq il-ħruġ tal-att ġudizzjarju minn qorti li mhix kompetenti) jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-ligi. Tifsira tajba ta' din id-disposizzjoni, flimkien ma' l-isfond li fih il-leġislatur wera li ried iqegħdha, hija mogħtija f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino*[22]*;*

[21] Deċiża 24 ta' Settembru, 2001, Prim Awla tal-Qorti Ċivili mill-Imħallef Onor. Joseph R. Micallef.
[22] 28.1.1998 (Kollez.Vol: LXXXII.ii.30).

*Illi, f'dan il-każ, il-liġi qegħda tagħmel riferenza għall-bidliet illi jistgħu jsiru f'att ġudizzjarju bis-saħħa tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12, ukoll kif mibdul fl-1995;*

*Illi l-liġi tipprovdi ukoll li att ġudizzjarju, magħmul bis-saħħa ta' att null jew li ġej minn att null, huwa null ukoll (art.. 98 tal-Kap 12);*

*Illi għalkemm l-imħarrkin ma semmewx taħt liema sub-inċiż tal-artikolu 789 qegħdin iressqu l-eċċezzjoni tagħhom taħt esami, huma jsemmu n-nullita' tal-Att taċ-ċitazzjoni, u dan billi din in-nullita' toħroġ minħabba li l-atturi qegħdin iressqu f'kawża waħda żewġ azzjonijiet ġudizzjarji ta' natura għal kollox differenti l-waħda mill-oħra. Minn dak li semgħet il-Qorti waqt it-trattazzjoni u minn dak li ngħad Iżjed 'il fuq, din l-eċċezzjoni jidher li hija għalhekk imsejsa fuq il-paragrafi (ċ) u/jew (d) tas-sub-inċiż (1) tal-artikolu 789 tal-Kap 12;*

*Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċizjonijiet tal-Qrati tagħna, id-distinzjoni bejn nullita' mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta[23];*

*Illi l-liġi, tippreskrivi, fost l-oħrajn, li ċ-ċitazzjoni għandu jkun fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba (art.. 156 (1) (a) tal-Kap 12). Marbut ma' dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iħarrikha;*

*Illi huwa sewwasew dwar din id-disposizzjoni li wieħed isib għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jfissru l-limiti tagħha fid-dawl tal-eċċezzjoni tan-nullita' tal-Att taċ-ċitazzjoni minħabba n-nuqqas ta' ħarsien tal-liġi. Ħafna minn dawn id-deċIżjonijiet ingħataw minħabba li jkun ġie allegat li t-talba kienet inċerta, x'aktarx sintesi ta' jeddijiet li kull wieħed minnhom jagħti lok għal azzjoni distinta u separata. Għal xi zmien, il-forma tal-att ġudizzjarju kienet issaltan, imma, biż-żmien u b'interventi tal-leġislatur, issawret it-tejorija magħrufa bħala tal-ekwipollenti li nisslet il-prinċipju li m'hijiex meħtieġa ebda għamla espressa għall-proposizzjoni tal-azzjoni[24];*

*Illi, għalhekk, ċitazzjoni m'għandhiex tiġi mwaqqgħa għajr għal raġunijiet gravi[25]. Madankollu, biex ċitazzjoni jista' jingħad li għandha kawżali ċara biżżejjed jeħtieġ li jirrisulta rapport ta' rabta raġonevoli bejn il-premessi u t-talba nnifisha mmirata lejn il-persuna mħarrka. Jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' għamla u kwalita' tali li jċaħħad b'mod serju lill-imħarrek mid-difiża tiegħu, iċ-ċitazzjoni għandha tiġi mwaqqgħa[26].*

*Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni*

[23] Ara per ezempju, P.A.C.S.: 4.11.1988 fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri.
[24] P.A.: 9.3.1965 fil-kawza fl-ismijiet M. Muscat noe vs Dr. J. Cassar et noe (Kollez. Vol:XLIX.ii.809) u s-sentenzi hemm imsemmija.
[25] App. ~iv. 20.2.1935 fil-kawza fl-ismijiet R. Merola pro. et vs S. Caruso (Kollez. Vol: XXIX.i.106).
[26] App. ~iv. 22.5.1967 fil-kawza fl-ismijiet E. Scicluna vs M. Xuereb et (Kollez. Vol: LI.i.299).

*eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex att ta' ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha[27].*

*Illi huwa wkoll miżmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri[28]. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawża ma jġibx preġudizzju serju lill-parti mħarrka, allura l-proċedura tkun tista' tiġi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet[29].*

*Illi issa xieraq li wieħed jara jekk tinħoloqx nullita' fejn żewġ talbiet ġuridikament distinti jitressqu f'kawża waħda u sa liema limitu jista' jsir dan bla ma jkun qiegħed jinkiser dak li tipprovdi l-liġi fl-artikolu 156 (1)(a) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili[30]. Mill-kliem innifsu tal-imsemmi artikolu, joħroġ illi (i) l-attur għandu jidentifika l-oġġett tal-kawża billi jiddikjara r-raġuni għala jkun qiegħed jitlob dak l-oġġett; (ii) dak l-oġġett u dik ir-raġuni jridu jkunu mfissrin ċar u sewwa; (iii) t-talba jew it-talbiet ikunu marbutin mar-raġuni(jiet) kif premess fl-att taċ-ċitazzjoni; u (iv) li dawn l-elementi għandhom jirriżultaw mill-att ġudizzjarju nnifsu u mhux minn xi kjarifika li tista' ssir dwarhom waqt is-smigħ tal-kawża[31].*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Capua Palace Hotel Limited vs Boris Arċidiacono**[32], il-Qorti Ċivili Prim'Awla rriteniet:

*Illi, fil-fehma tal-Qorti, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li n-nullita' tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni eċċezzjonali u, fil-każ ta' att ta' Ċitazzjoni, tali nullita' tkun imputabbli għal difett ta' forma aktar milli ta' sustanza[33],liema difett ma jkunx jista' jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[34].*

Fil-każ in diżamina, is-soċjeta' konvenuta issemmi n-nullita' tal-att fuq il-bażi li s-soċjeta' attriċi naqset milli tagħmel talba appożita għal kundanna jew ordni ta' ħlas. Minn dak li joħroġ minn eżami tat-talba, it-Tribunal isib illi fit-tfassil tat-talba ġiet imħarsa l-liġi u għalhekk ma jikkonkkorrux l-estremi biex l-azzjoni titqies ma tiswiex. Raġuni bħal din ma twassalx għal dikjarazzjoni li t-talba ma tiswiex għaliex kawża proposta fit-termini u bil-mod li ressqitha s-soċjeta' attriċi f'dan il-każ ma juri l-ebda ksur tal-liġi proċedurali u lanqas ta' xi element essenzjali meħtieġ għas-siwi tal-att ġudizzjarju kif tressaq. Jirriżulta li l-ilment tas-socjeta' konvenuta ma jaqax taħt il-parametri ta' nuqqas proċedurali li jġib li ma jiswix l-att.

---

[27] P.A.: 14.2.1967 fil-kawza fl-ismijiet J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul (Kollez. Vol:LI.ii.779);
[28] App. ~iv. 7.3.1958 fil-kawza fl-ismijiet J. Tabone vs J. DeFlavia (Kollez. Vol:XLII.i.87);
[29] P.A.: 24.6.1961 fil-kawza fl-ismijiet Falzon vs Spiteri et (Kiollez. Vol:XLVIII.ii.)
[30] App.:12.5.1998 fil-kawza fl-ismijiet M. Attard noe vs R. Galea.
[31] App.:30.3.1998 fil-kawza fl-ismijiet R. Bezzina vs A. Galea.
[32] Ċit. Nru 383/2001/1; deċiża 30 ta' Jannar, 2003.
[33] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez.Vol: **LXXVIII.ii.172**).
[34] Ara App. Ċiv. **21.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul vs Gera de Petri et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.434**) u s-sentenzi hemm imsemmija.

Issir ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Maltacom p.l.c. vs Angelo Schembri** fejn il-Qorti tal-Appelli Ċivili (Inferjuri) Malta[35] irriteniet is-segwenti:

*Mhux hekk biss pero' in kwantu t-talba dikjaratorja pre-ordinata ghall-kundanna mhiex rekwizit 'sine qua non' li minghajra l-avviz hu monk. Hu pacifiku fil-gurisprudenza Maltija illi d-domanda tista' tigi inferita u jew sostenuta "per equipollens". (Vol XXXVI pI p105). U billi d-domanda ghal kundanna ghall-hlas tas-somma tad-danni ghandha implicita fiha r-responsabilita' li tat lok ghal dawk id-danni ma hijiex irritwali d-domanda li biha tintalab il-kundanna minghajr ma jkun hemm ukoll fl-Avviz it-talba ghad-dikjarazzjoni tar-responsabilita'. Jinsab in fatti stabbilit illi "d-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu, m'hemmx bzonn li jsiru fic-citazzjoni taht forma ta' domandi." (Vol XXXIII pI p666).*

L-artikolu 1147 sub-artikolu (1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

*Kull ħlas jissoponi dejn, u dak li jitħallas bla ma jkollu jingħata, jista' jintalab lura.*

L-artikolu 1152 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi ssegwenti:

*(1) Il-ħlas għandu jsir lill-kreditur, jew lill-persuna li jkollha mingħandu, mill-qorti jew mil-liġi, is-setgħa li tirċievi l-ħlas.*

*(2) Il-ħlas li jsir lil persuna li ma jkollhiex din is-setgħa isir jiswa jekk il-kreditur iwettqu jew ikun ħa ġid minnu.*

Fil-każ odjern, it-talbiet tas-soċjeta' attriċi huma li s-soċjeta' konvenuta tiġi ddikjarata u kkundannata bħala debitriċi tas-soċjeta' attriċi fl-ammont globali ta' €468.09 rappreżentanti żewġ ordnijiet separati ta' prodotti, fejn l-ewwel ordni waslet difettuża u ma ġietx rimpjazzata jew inkella rifuża s-somma mħallsa u t-tieni ordni li ġiet imħallsa iżda ma ntbagħatx il-prodott.

Illi għalkemm l-atti ġudizzjarji għandhom jiġu miktuba b'ċerti żelu, huwa ċar illi sabiex ikun hemm kreditur u debitur sar ħlas. Illi *billi d-domanda ghal kundanna ghall-hlas tas-somma tad-danni ghandha implicita fiha r-responsabilita' li tat lok ghal dawk id-danni ma hijiex irritwali d-domanda li biha tintalab il-kundanna minghajr ma jkun hemm ukoll fl-Avviz it-talba ghad-dikjarazzjoni tar-responsabilita',*[36] għalkemm il-fatti speci huma inverżi għaliex fil-każ odjern ma saritx talba għal-kundanna għal ħlas, fil-fehma tat-Tribunal huwa l-istess fil-każ fejn qed issir talba sabiex konvenut jiġi dikjarat u kkundannat bħala debitur, li għalhekk a contrario sensu, ġjaladarba hemm it-talba għal dikjarazzjoni għal-debitur, il-kundanna għal ħlas hija konsegwenza naturali.

In oltre, issir referenza għal-artikolu 7 (1) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi:

---

[35] Appell Ċivili Nru: 1575/1998/1, deċiż fis-16 ta' Diċembru, 2002, mill-Onor. Imħallef Philip Sciberras.
[36] *Ibid.*

*It-Tribunal ghandu jaqta' kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu principalment skond l-ekwita':*

*Izda, f'kull kaz, kull kwistjoni li jista jkun hemm dwar il-preskrizzjoni ghandha tinqata' skond il-Ligi.*

It-Tribunal jaghmel referenza ghall-appell fl-ismijiet *Marika Caruana vs Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja,* deciz fit-23 ta' Jannar, 2004, fejn il-Qorti tal-Appell qalet is-segwenti:[37]

*Fir-rigward ta' ekwita' fis-sens litterali taghha t- Tribunal kif gja esprima ruhu drabi ohra fir-rigward jinghad li din tfisser:*

*"Fairness, recourse to principles of justice to correct or supplement the Law; system of Law, coexisting with and superseding common Law and statute Law (Oxford Dictionary).*

*Fil-kamp guridiku l-kelma ekwita' ghandha s-sens illi dan hu principju li ghandu jigi applikat mhux biex ifarrak il-Ligi, jew biex jissostitwixxi l-Ligi, izda biex jissupplimentaha fejn il-Ligi hi mankanti:*

*"Now equity is no part of the law, but a moral virtue, which qualifies, moderates, and reforms the rigour, hardness and edge of the law, and is an universal truth; it does also assist the law where it is defective and weak in the constitution, and defends the law from crafty evasions, delusions, and new subtilties, invented and contrived to evade and delude the common law, whereby such as have undoubted right are made remediless; and this is the office of equity, to support and protect the common law from shifts and crafty contrivances against the justice of the law. Equity therefore does not destroy the law, nor create it, but assist it" (Dudley [Lord] vs Dudley [Lady] [1705] ).*

*Ghandu jinghad ukoll li:*

*""Equity follows the law" and in cases where the legal analogy clearly applied, the rule of law was adopted, however harsh it might be."*

*Kif ukoll li:*

*"Equity is co-relative and co-existensive with law " (Sources of English Legal History 1750 – 1950 – A.H. Manchester. P. 121)*

*Il-kuncett tal-ekwita' zviluppa matul is-sekli, pero' sa minn zmien Aristotile l-bazi ta' l-ekwita' kienet dik ta' korp ta' regoli li jissupplixxu fejn il-Ligi hija mankanti:*

*"Aristotle explains how appeals to equity may be best made by an advocate pleading in the courts, and relates it to the "unwritten" law regarded as underlying*

[37] Appell Civili Nru: 643/2001/1; Onor. Imhallef Philip Sciberras.

*an supplying the deficiencies of the body of enacted law" (Introduction to Jurisprudence – Lord Lloyd of Hampstead, $4^{th}$ ed, p.964)*

*Dak li hu ekwu huwa gust:*

*"....... While we sometimes praise what is equitable and the equitable man, ....... at other times, when we reason it out, it seems strange if the equitable, being something different from the just, is yet praiseworthy; for either the just or the equitable is not good, if they are different; or, if both are good, they are the same." (Introduction to Jurisprudence – Lord Lloyd of Hampstead, $4^{th}$ ed, p.964)*

*U jkompli jghid:*

*"..... for the equitable, though it is better than one kind of justice, yet it is just, and it is not as being a different class of thing that it is better than the just. The same thing, then, is just and equitable, and while both are good the equitable is superior. What creates the problem is that the equitable is just, but not the legally just but a correction of legal justice. The reason is that all law is universal but about some things it is not possible to make a universal statement which shall be correct. In those cases, then, in which it is necessary to speak universally, but not possible to do so correctly, the law takes the usual case, though it is not ignorant of the possibility of error. And it is none the less correct; for the error is not in the law nor in the legislator but in the nature of the thing, since the matter of practical affairs is of this kind from the start. When the law speaks universally, then, and a case arises on it which is not covered by the universal statement, then it is right, where the legislator fails us and has erred by over-simplicity, to correct the omission - to say what the legislator himself would have said had he been present, and would have put into his law if he had known. Hence the equitable is just, and better than one kind of justice – not better than absolute justice, but better than the error that arises from the absoluteness of the statement. And this is the nature of the equitable, a correction of the law owing to its universality." (Introduction to Jurisprudence – Lord Lloyd of Hampstead, $4^{th}$ ed, p.964)*

*Dak li hu ekwu necessarjament huwa gust, u l-ekwita` hi propju intiza sabiex issir gustizzja ma dak li jkun. L-istess awtur ikompli jghid:*

*"it is plain what the equitable is, and that it is just and is better than one kind of justice. It is also evident from this who the equitable man is; the man who chooses and does such acts, and is no stickler for his rights in a bad sense but tends to take less than his share though he has the law on his side, is equitable, and state of character is equity, which is a sort of justice and not a different state of character."*

*Sir Henry Maine isemmi tlett strumentalizzazzjonijiet li jservu biex igibu aktar qrib ta' xulxin l-interessi tas- socjeta' kif distinti minn dawk tal-ligi; u cioe' "Legal Fictions, Equity, and Legislation" u jitlaq b'din il-premessa:*

*"...Law is stable; the societies we are speaking of are progressive. The greater or less happiness of a people depends on the degree of promptitude with which the gulf is narrowed."*

*Filwaqt li Lord Denning juri l-preokkupazzjoni tieghu fuq dak li qal Maine fuq it-tlett strumentalizzazzjonijiet: "If they are exhausted where is a new means to be found?" u jispicca jghid:*

*"The law as I see it has two great objects: to preserve order, and to do justice; and the two do not always coincide. Those whose training lies towards order, put certainty before justice; whereas those whose training lies towards the redress of grievances, put justice before certainty. The right solution lies in keeping the proper balance between the two."*

*Tenut kont ta' dan kollu, it-tifsira li ghandha tinghata lill- kelma "ekwita`", u aktar tenut kont tal-kliem "skond il-Ligi" illi jinsab ghall xi raguni allaccat mal-kelma "ekwita'" fl- Artikolu 7 tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-fehma tat-Tribunal ghandu jigi interpretat fis-sens li l-ekwita` ghandha ssegwi l-Ligi, u ghandha ukoll pero` il-funzjoni specjali li din tissuplimentaha fejn din hi nieqsa, billi taghti rimedju fejn hemm ir-raguni, u b'mod li ssir gustizzja ma' dak li jkun.*

Illi dan huwa Tribunal ta' ekwita' u għalhekk għar-raġunijiet hekk kif ġie spjegati iktar 'il fuq, dan it-Tribunal qed jiċħad din l-eċċezzjoni.

It-tieni eċċezzjoni preliminari mogħtija hija li **l-azzjoni tal-attriċi noe fir-rigward tal-ewwel kuntratt ta' kompravendita tal-erbgħatax ta' Jannar elfejn u għoxrin [Referenza numru 104B.50100/4Q *4137,1300*] hija ġuridikament improponibbli stante li r-rimedju tar-refużjoni tal-prezz tal-bejgħ kif mitlub fl-Avviż promotur ma huwiex wieħed mir-rimedji akkordati lix-xerrej fejn minn dak rivenut fil-Kodiċi Ċivili nostrana huma essenzjalment dawk ir-rimedji dettati mill-Artikoli 1390 u 1427.**

L-artikolu 1390 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

*Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti.*

l-artikolu 1427 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

*Fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 1424 u 1426, ix-xerrej jista' jagħżel, billi jiġi 'l quddiem bl-azzjoni redibitorja, li jagħtilura l-ħaġa u jitlob ir-radd tal-prezz, inkella, billi jiġi 'l quddiem bl-azzjoni stimatorja, li jżomm il-ħaġa u jitlob lura dik il-biċċa mill-prezz li tiġi stabbilita mill-qorti.*

Fil-każ in diżamina, mingħajr ma t-Tribunal jidħol fil-mertu, is-soċjeta' attriċi għażlet li titlob il-ħlas lura permezz tal-proċedura odjerna u dan għaliex skont l-istess soċjeta', il-prodotti mibgħutha fuq struzzjonijiet tagħha mis-soċjeta' konvenuta kienu mkissrin, minkejja li l-prodotti ntbagħtu lura, u ma ġewx rimpjazzati. Permezz tal-kawża odjerna jirriżulta li s-soċjeta' attriċi qed titlob li s-soċjeta' konvenuta tiġi dikjarata debitur.

Għaldaqstant din l-eċċezzjoni preliminari qed tiġi miċħuda.

Illi t-Tribunal issa ser jgħaddi sabiex jiddeċiedi fuq il-kumplament tal-eċċezzjonijiet.

Illi fir-rigward tal-ewwel ordni, kemm mix-xhieda ta' Christian Mathe, kif ukoll mix-xhieda ta' Raymond Mallia, u mill-prova tal-ħlas,[38] jirriżulta li s-soċjeta' attriċi xtrat tlett muturi mingħand is-soċjeta' konvenuta, liema ordni kienet fl-ammont ta' €340.44 li kienet tinkludi l-ħlas tat-tlett muturi flimkien mac-charges tad-DHL[39] fuq liema ordni kien hemm qbil u sar il-ħlas. Fix-xhieda tiegħu, Christian Mathe qal illi malli l-kaxxi bil-muturi waslu għand is-soċjeta' attriċi, ir-*receptionist* fetaħ il-kaxxi li fihom kien hemm il-muturi u spezzjonahom mill-ewwel fejn irriżultalu li l-muturi kienu imkissrin. Huwa rrifjuta li jżommhom u bagħthom lura mat-trasportatur tad-DHL sabiex jerġgħu jintbagħtu lura Malta. Siegħa wara is-soċjeta' attriċi informat lis-soċjeta' konvenuta permezz ta' *e-mail*[40] fejn senjatament qaltilha:

> *"Motors arrived broken and have been refused to the carrier.*
> *They come back to you.*
> *Please send ASAP 3 Others motors.*
> *Becarreful delivery address is:*
> *....*

Min-naħa l-oħra Raymond Mallia qal li s-soċjeta' konvenuta rċivietha l-*e-mail* iżda kkontentenda illi skont proċedura li tuża l-kumpanija jekk prodott mibgħut jasal bil-ħsara, ix-xerrej jinforma lis-soċjeta' konvenuta dwar il-ħsara li nstabet sabiex tkun tista tikkonstatata x'tip ta' ħsara hemm u cioe' jekk tkunx ħsara mill-fabbrika jew inkella sarx waqt it-traġitt, u mhux il-prodott jaqbad jintbagħat lura, kif sar fil-każ odjern.

Għalhekk il-kontestazzjoni tas-soċjeta' konvenuta hija x'tip ta' ħsara kien hemm fil-muturi jekk kien hemm, li intbagħtu mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħha u li sal-lum il-ġurnata għadhom ma humiex fil-pussess tal-istess soċjeta' konvenuta.

Huwa ormai paċifiku illi min jallega jrid jipprova. Issir riferenza ghal-deċizjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **Strings Enterprises Limited vs Philip Carbonaro u Rita Zammit**[41] fejn irriteniet:

> *"Il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-kawza deciza minnha stess kif presjeduta fis-16 ta' April, 2013 fl-ismijiet* ***Martin Mifsud et vs Marika Almerigo*** *fejn intqal:*

[38] *A fol* 114 tal-proċess.
[39] Fattura *a fol* 11 tal-proċess.
[40] *A fol* 116 tal-proċess.
[41] Rikors Nru 1068/09FS, deċiża 26 ta' Mejju, 2017.

*"Min jallega jrid jipprova – qui allegat probat. L-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah a tenur ta' l-artikolu 562 tal-Kap 12. Lartikolu 559 ukoll jipprovdi li l-Qorti gahndha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib.*

*"Ukoll, fid-decizjoni fl-ismijiet* ***Joseph Zammit vs Joseph Hili****, Appell Sede Inferjuri, 27 ta' Gunju, 1953 insibu:*

*"ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat"."*

*"Ghalhekk fil-kamp civili element necessarju dwar il-provi huwa li min jallega jrid jipprova. Il-Qorti trid tasal fuq il-bazi tal-provi prodotti quddiemha u tkun moralment sodisfatta li l-attur issodisfa l-oneru tal-prova tieghu. Mhux necessarju dak li jirrikjedi l-kamp kriminali li ssir prova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli.*

Jirriżulta illi s-soċjeta' attriċi għalkemm issostni li l-muturi li rċivew kienu imkissrin ma tellatx prova ta' tali ħsara. It-Tribunal ma jistax jifhem kif lanqas biss ittieħdu ritratti ta' tali ħsarat kif qed jiġu allegati u dan għaliex skont ix-xhieda ta' Mathe, ir-*receptionist* qallu li l-ħsara kienet viżibli. Oltre minn hekk mix-xhieda ta' Mathe jirriżulta wkoll illi huwa ma kienx preżenti meta nfetħu l-kaxxi. Mix-xhieda ta' Mireille Mallia jirriżulta li l-muturi ġew ppakjati quddiemha u f'dak l-istadju l-muturi ma kienux imkissrin.

In oltre, ma jirriżultax fejn effettivament jinsabu l-muturi allegatament imkissra mertu tal-ewwel ordni, u li jirriżulta huwa li l-muturi għadhom sal-lum ma ġewx lura fil pussess tas-soċjeta' konvenuta sabiex l-istess soċjeta' konvenuta tkun tista tikkonstata l-ħsara li seta' kien hemm fil-muturi.

Fir-rigward tat-tieni ordni, it-Tribunal jagħmel referenza għall-artikolu 1385 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:

*Jekk il-bejjiegħ jonqos li jagħmel il-kunsinna, fiż-żmien miftiehem, ix-xerrej jista' jitlob, kif jagħżel hu, jew li l-kuntratt jiġimaħlul, jew li huwa jiġi mqiegħed fil-pussess tal-ħaġa mibjugħa,iżda dan kemm-il darba d-dewmien ikun ġie kkaġunat mill-bejjiegħ biss.*

Jirriżulta illi s-soċjeta' attriċi għamlet din l-ordni, kif ukoll li ħallsitha, li dwarha ma hemmx kontestazzjoni. Fix-xhieda tiegħu Raymond Mallia qal illi l-prodotti ma ntagħtux lis-soċjeta' attriċi minħabba li nbdew id-diskussjonijiet bejn l-avukati, li effettivament wasslu għal-proċeduri odjerni u li s-soċjeta' attriċi qatt ma tat risposta jekk tridx il-prodotti jew il-flus lura. Kompla jgħid li huwa m'għandux problema li jgħaddi l-flus tat-tieni ordni lis-soċjeta' konvenuta. Illi għaldaqstant din hija aċċettazzjoni min-naħa tas-soċjeta' konvenuta sabiex tirrifondi l-flus lura limitatament dwar it-tieni ordni lis-soċjeta' attriċi.

**Decide**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jiddisponi mil-kawza billi jilqa' it-talbiet attriċi limititament fis-somma ta' €127.65 filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tas-socjeta' intimata, bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż u d-drittijiet tal-kawża jitħallsu terz mis-soċjeta' konvenuta u zewg terzi mis-soċjeta' attriċi.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**